Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/27*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-26**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Tiġdid ta' kuntratti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq li jinħadem minn Godfrey Borg jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2015. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jiġi imġedded għal sena oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' latrina pubblika li jinħadem minn Maria Attard jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2015. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jiġi imġedded għal sena oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li jinħadem minn Godfrey Borg jagħlaq fil-31 ta' Mejju 2015. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jiġi imġedded għal sena oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-servizz ta' kiri ta' makkinarju li jinħadem minn Anton Mintoff jagħlaq fit-13 ta' Lulju 2015. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jiġi imġedded għal sena oħra.

**4. Korrispondenza**

4.01 Memo 05/2015 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2015-16.

4.02 Is-Sur Silvio Frendo (Assistent Direttur – Dipartiment Għall-Gvern Lokali) informa lill-Kunsill li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor Owen Bonniċi laqgħa t-talba tal-Kunsill biex ma jiddikjarax il-post tal-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud bħala vakant. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Mifsud irringrazzjat lill-membri kollha tal-Kunsill tal-appoġġ u sapport li urew lejha tul dan iż-żmien diffiċċli li għaddiet minnhu.

4.03 Ivana Farrugia mill-Kummissjoni Familja infurmat lill-Kunsill dwar il-Premju 'Familja Qalb tad-Deheb'.

4.04 Mary-Anne Schembri infurmat lill-Kunsill dwar kors li ser isir fis-sala tal-Kunsill – Aqra Miegħi/Read with me. Dan il-kors ser isir għal tfal li għandhom sa tlett snin. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa diġa kien ikkuntattja lil Mary-Anne Schembri u sar ftehim li dan il-kors jibda isir nhar ta' Tnejn fit-3.30pm.

4.05 Il-Perit Saliba issottometta l-applikazzjoni dwar qlugħ ta' siġar tal-Oleander (siġar li m'humiex protetti) u xogħlijiet oħra ta' tisbieħ fil-wied fi Triq il-Knisja. Id-Dipartiment tal-Artijiet informa lill-Kunsill li kien irċieva l-informazzjoni dwar din l-applikazzjoni.

4.06 Il-Kunsill kien applika għall-iskema ta' Proġetti Kapitali. Iċ-Chairman tal-Bord ta' Evalwazzjoni s-Sur Mario Azzopardi informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx magħżula biex tingħata l-fondi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għamilna l-appell saż-żmien stipulat.

4.07 Karen Millard infurmat lill-Kunsill li ma kienitx taqbel mat-tneħħija tal-Bring in Sites. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien diġa wieġeb lil Karen Millard fejn infurmaha bl-ilmenti u il-problemi li kelna bil-Bring in Sites. Issa li anke l-ħġieġ qed jinġabar minn wara l-bieb m'għadx hemm bżonn il-Bring in Sites. Jekk aktar 'l quddiem jinstab post alternattiv fejn jistgħu jitpoġġew mingħajr ma jkunu ta' inkonvenjent għal ħadd il-Kunsill jikkonsidra li jagħmel sett ta' Bring in Sites.

4.08 Il-Perit Audrey Testaferrata minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li s-sinjali sofor fi Triq il-Fanal (qrib Triq Għammar) huma approvati u għalhekk jistgħu jsiru.

4.09 Amanda Cassar mill-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji ż-Żgħar infurmat lill-Kunsill dwar il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015.

4.10 Karmen Koleiro minn Animal Guardians Malta ipproponiet lill-Kunsilli Lokali biex jaħtru membru li jkun responsabbli biex jagħmel Animal Welfare Sub Committee u rappreżentant tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku għandu ikun r-rappreżentant tal-lokalita tagħna.

4.11 Aġenzija Żgħażagħ infurmat lill-Kunsill dwar proġetti li jistgħu jsiru mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. L-Ambaxxatur Lokali Matthew Attard informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Sindku qed jaħdem biex issir proposta u inkunu nistgħu nipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

4.12 Gatt Tarmak Ltd bagħat il-kont għal xiri ta' Cold Asphalt li kien sar f'Jannar li għadda. Il-Kunsill qabel li l-cold asphalt kien ta' livell inferjuri ħafna. L-asfalt kien jinqala mill-ewwel, dak il-ħin stess wara li ġie imrambal. Tant kien ħażin il-materjal li kien jinqala anke bl-idejn mingħajr użu ta' għodda. Fil-laqgħat preċdenti s-Sindku diġa ġibed l-attenzjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament li m'għandnix inħalsu lill-Gatt Tarmak Ltd dan il-kont. Il-Kunsill qabel ukoll li biex nippeċċjaw it-toroq għandna nixtru asfalt tal-ixkejjer li huwa tajjeb u iżomm ħafna aktar. Dan l-asfalt se jinxtara minn għand Bitmac Ltd.

**5. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-27 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Materja oħra**

6.01 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill dwar il-problema bl-ilma tax-xita li hemm bejn l-iskola Laura Vicuna u n-naħa ta' wara tal-Knisja. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud qalet li hi wkoll tirċievi ħafna ilmenti dwar dan u anke diġa kienet ġiet diskussa fil-Kunsill xi xhur ilu. Il-Viċi Sindku qal li kif semma diversi drabi f'din il-parti tat-triq hemm gandott għall-ilma tax-xita u għalhekk jekk tinfetaħ bokka l-ilma tax-xita jista' imur dirett għall-gandott u b'hekk tissolva l-problema. Is-Sindku ippropona li nitolbu lill-Kuntrattur Anton Mintoff biex imur fuq il-post u jara x'hemm bżonn isir biex tissolva din il-problema. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima tax-xogħol li hemm bżonn isir.

6.02 Is-Sindku ippropona li jibda jaħdem biex isir protest ġudizzjarju lil Transport Malta dwar il-Fanal ta' Ġordan li jaqa' taħt ir-responsabilita tagħhom. Huwa magħruf li l-Fanal ta' Ġordan jew partijiet minnhu qed jinkrew lill-privat u għalhekk minkejja li qed ikun hemm sors ta' dħul minnhu Transport Malta qatt ma qed tagħmel xogħol ta' manutenzjoni bil-konsegwenza li l-Fanal jinsab fi stat ħażin ħafna u anke perikoluż. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

6.03 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li Zarena Mifsud talbet sabiex fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Salvu Gambin issir grada li tilqa' l-ilma tax-xita għall-ġibjun li hemm f'dawn l-inħawi. Is-Sindku ippropona li jmur jara fuq il-post u tittieħed deċiżjoni aktar 'l quddiem jekk għandix issir din il-grada. Il-Kunsill qabel li d-deċiżjoni tittieħed aktar tard.

6.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar il-ħarġa (safra għal Sqallija) li kien se jorganizza mhux possibbli li ssir bħalissa. Dan għar-raġuni li meta beda

jagħmel il-kuntatti ħafna kienu diġa ibbukkjati. Għalhekk biex din tkun tista' issir ikun hemm bżonn li jsir ippjanar aktar kmieni.

6.05 Is-Segratarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva ilmenti dwar l-istat tas-saqaf tal-klinika peress li qed jidħol l-ilma tax-xita. Peress li s-sular ta' fuq huwa parti mill-Għassa tal-Pulizija s-Segretarju Eżekuttiv bagħat email lis-Supretendent Antonello Grech biex isir ix-xogħol meħtieġ u b'hekk jitneħħa kull periklu.

6.06 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill joħroġ żewġ sejħiet għall-offerti, waħda għal servizz ta' Contract Manager li jkun Perit u l-oħra għal Resurfacing ta' Triq tal-Fanal inkluż Major Patching. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. William Sultana se jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu iddraftjati dawn id-dokumenti tal-offerti.

6.07 Francis Portelli ta' Triq Wied Sara talab li tiġi installata lampa ġdida fl-istess triq peress li hija mudlama. Huwa qal li l-ispejjeż tal-lampa se jħallashom huwa stess. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li teħel din il-lampa u għalhekk ser issir l-applikazzjoni mal-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku infurmaw lill-Kunsill li l-aħħar lampa li twaħlet f'din it-triq u li tħalset ukoll minn Francis Portelli kien hemm ilmenti dwarha u għalhekk bi qbil mal-istess Francis Portelli din il-lampa se tintefa' u aktar 'l quddiem titneħħa minn hemm ukoll.

6.08 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar xogħlijiet li għandhom isiru biex tissolva l-problema tal-ilma tax-xita u stat ħażin ta' Triq Wied L-Għasri. Is-Sindku qal li huwa kien talab stima tax-xogħol li jrid isir. L-istima li inħadmet skond ir-rati tal-offerta li għandna ma' Anton Mintoff hija ta' €1800 (VAT eskluż). Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol meħtieġ biex tissolva din il-problema.

6.09 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar xogħlijiet li jistgħu isiru f'parti oħra ta' Triq Wied L-Għasri biex il-wied jerġa' jiġi fl-istat naturali tiegħu. Peress li din il-proposta tinvolvi ammont ta' xogħol il-Kunsill qabel li meta ikolna l-Perit (peress li se tinħareġ sejħa għall-offerti għal Contract Manager) issir applikazzjoni mal-MEPA u b'hekk meta ikolna l-permessi u l-fondi meħtieġa ikun jista' jibda jsir ix-xogħol.

6.10 Peter Grech ta' Triq il-Fanal talab biex jitranġa ħajt fl-istess triq peress li qiegħed perikoluż. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Kunsill diġa għamlu x-xogħol biex tneħħa kull periklu li kien hemm.

6.11 Josephine Attard ta' Triq Salvu Gambin talbet biex jitranġa ħajt li hemm taħt Triq iż-Zebbuġ. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir fis-sajf meta l-ħaddiema ikollhom aċċess biex jidħlu fl-għalqa u jkunu jistgħu jirranġaw il-ħajt.

6.12 John Mintoff ta' Triq Dun Ġużepp Cassar talab li jitranġa gandott tal-ilma tax-xita li hemm fl-inħawi ta' Għammar. Is-Sindku għandu jiltaqa' ma' John Mintoff fuq il-post biex jaraw x'inhi il-problema u kif tista' tissolva.

6.13 Zarena Mintoff ta' Triq Għammar ipproponiet li l-ħajt li kien inbena xi snin ilu mill-Ministeru Għal Għawdex fi Triq il-Fanal jingħata kisja tibjid. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.14 Tony Portelli ta' Triq Għammar talab li jingħata ftit materjal biex jirranġa l-bankina tiegħu. Il-Kunsill qabel li jingħata l-materjal li għandu bżonn. Ix-xogħol se jagħmlu huwa stess.

6.15 Maria Huber ta’ Triq il-Knisja talbet li l-bankina tagħha titbaxxa ftit peress li hi perikoluża. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-Kuntrattur Anton Mintoff.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 22 ta’ April, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv